**9 ta' Marzu, 1989**

**Imħallef: –**

**Onor. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D.**

Gerald Farrugia

*versus*

Paul Pulo

**Ġurisdizzjoni – Sentenza – Effikaċja ta' Sentenza**

*Wieħed mill-elementi kostituttivi u fundamentali ta' kull ordinament ġuridiku huwa l-effikaċja ta' l-applikazzjoni tad-dritt permezz ta' sanzjonijiet effiċjenti u koerċizzjoni ġusta.*

*Il-Qorti kkonkludiet illi kien fil-poter ġurisdizzjoni tagħha li tordna li tiffissa ġranet u ħinijiet alternattivi biex jaċċedi Perit awtorizzat jagħmel hekk b'sentenza tal-Qorti.*

Iċ-ċitazzjoni ta' l-attur tgħid:

li peress li l-konvenut ottjena sentenza fl-ismijiet inversi fl-14 ta' Diċembru, 1987, u ġie ordnat li bi żmien ta' preavviż ta' sebat ijiem, l-istess Paul Pulo seta' jinżel fl-arja ta' l-esponenti biex jagħmel xi xogħlijiet; peress li l-istess żmien kien ġie ffissat, darba u issa l-istess Paul Pulo qed jippretendi li jerġa' jagħmel talbiet sussegwenti meta ma kienx osserva dak li qalet l-istess sentenza; peress li l-Qorti Ċivili Prim'Awla b'digriet tat-8 ta' Mejju, 1988, ordnat issa li dan ix-xogħol isir fit-13 u l-14 ta' Ġunju, 1988, u dan minkejja li l-istess dati issa jmorru oltre dak li ddeċidiet l-ewwel sentenza; peress li l-istess sentenza hija finali

u għalhekk ma jistax jinbidel id-dipositiv tagħha; talab l-attur (1) għala din il-Qorti m'għandhiex tiddikjara li l-provvediment dwar id-dati mogħti fis-sentenza ta' l-14 ta' Diċembru 1988, fil-kawża fl-ismijiet inversi, issa mhux aktar esegwibbli, u konsegwentement id-digriet tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-8 ta' Mejju, 1988, huwa null u bla effett. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut odjern inġunt għas-subizzjoni;

Il-konvenut kien abbondanti ħafna fl-eċċezzjonijiet tiegħu li però huwa aktarx ta' natura dikjaratorja ta' fatti milli veri u proprji eċċezzjonijiet. Il-Qorti għalhekk m'hix se tirriproduċihom imma se tagħmel naturalment riferenza għalihom kif u kull meta jeħtieġ, għall-iskopijiet ta' din is-sentenza;

Eżaminati l-proċess, id-digriet ta' din il-Qorti diversament preseduta tas-6 ta' Mejju 1988 – data, korrettement indikata mill-konvenut u skorrettement mill-attur – kif ukoll is-sentenza fl-ismijiet Paul Pulo *vs* Gerald Farrugia ta' l-14 ta' Diċembru 1987, il-Qorti waslet għas-segwenti:

6a) Is-sentenza ċċitata kienet fit-tieni, taż-żewġ paragrafi finali, iddisponiet hekk:

"Tawtorizza lill-attur illi jibgħat lill-ħaddiem jew ħaddiema nkarigati minnu sabiex ikaħħlu u jbajdu l-ħitan tad-dar ta' l-attur 57, *Victory Street,* Rabat, li jagħtu fuq in-numru 55, *Victory Street,* Rabat, u aċċessibbli biss mill-arja tal-proprjetà tal-konvenut, fil-ġranet tax-xogħol li l-attur jiffissa mal-ħaddiem jew ħaddieħor in kwistjoni fil-ħin normali tax-xogħol, bsata jagħti preavviż ta' sebgħat ijiem lill-konvenut, u dana taħt is-superviżjoni tal-perit arkitett u inġinier ċivili, Michaelangelo Refalo, **b'dan li f'każ ta' impediment leġittimu li jsiru dawn**

**ix-xogħlijiet fil-ġranet u ħin hekk iffissati, din il-Qorti tiffisa ġranet jew ħin alternattivi fuq talba ta' l-attur";**

Is-sottolinejar qed isir għaliex din hi l-aktar parti rilevanti, għall-iskopijiet ta' din il-kawża;

Din is-sena ta' l-14 ta' Diċembru 1987 għaddiet in ġudikat, u għalhekk id-dispositiv tagħha ma jistax jinbidel, jew jitħassar ħlief bil-mezzi kkontemplati mil-liġi;

Id-dokument A – jindika li Pulo, in konformità ma' dak id-dispositiv kien iffissa l-ġranet tal-21 u t-22 ta' Marzu 1988 biex isir ix-xogħol li kien ġie awtorizzat jagħmel minn fuq il-proprjetà ta' Farrugia. Id-dokument B juri l-opposizzjoni ta' Farrugia għal dawn id-dati – liema opposizzjoni ma ġietx ikkunsidrata leġittima mill-Qorti li kkonfermat iż-żewġ dati – 21 u 22 ta' Marzu 1988 – li fihom Pulo kien awtorizzat li jagħmel ix-xogħol – dokument Ċ;

Dan ix-xogħol ma sarx għaliex Farrugia oppona. Pulo reġa' ppreżenta rikors ieħor u ppropona d-dati tat-13 u 14 ta' Ġunju 1988 u b'digriet tas-6 ta' Mejju 1988 – dokument F, il-Qorti laqgħet it-talba u awtorizzat lil Pulo li jesegwixxi x-xogħol f'dawk id-dati, u għalhekk fis-7 ta' Ġunju 1988, Farrugia ppreżenta din il-kawża biex jimpunja dak id-digriet;

Il-pretensjoni ta' l-attur hija fis-sens – kif fehmitha l-Qorti – li la darba x-xogħol ma sarx fil-21 u t-22 ta' Marzu 1988, dati approvati u awtorizzati bid-digriet tas-17 ta' Marzu 1988, il-Qorti eżawriet il-forza ġurisdizzjonali li rriservat fl-aħħar parti tas-sentenza tagħha ta' l-14 ta' Diċembru 1988 li "tiffissa ġranet jew ħin alternattivi fuq talba ta' l-attur";

Il-Qorti ma tarax għaliex is-sentenza msemmija għandha tiġi nterpretata illi l-Qorti llimitat il-ġurisdizzjoni tagħha li tiffissa l-ġranet u l-ħin għal darba waħda biss u b'hekk irriduċiet l-effikaċja ta' l-istess sentenza b'mod tali – li l-iċken inċident jew aċċident ta' żmien jew persuni jirrendiha totalment u effettivament inutli u ineffiċjenti. Ma tarax lanqas kif wieħed jista' – meta jħares lejn id-dispositTiv tas-sentenza – u anki *l-intier tagħha – wieħed jista' jieħu l-impressjoni li l-Qorti kellha* f'moħħha li teżawtora lilha nfisha għar-rimedju li hi stess kienet qed tavvanza;

Għall-kuntrarju, din il-Qorti taħseb li wieħed mill-elementi kostituttivi u fundamentali ta kull ordinament ġuridiku, huwa l-effikaċja ta' l-applikazzjoni tad-dritt permezz ta' sanzjonijiet effiċjenti u koerċizzjoni ġusta;

Għaldaqstant il-Qorti tiċħad it-talba ta' l-attur bl-ispejjeż kontra tiegħu.